# MINUTI

## Laqgħa tal-Lokalità

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4

Data tal-laqgħa: 7 ta’ April 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fis-6.00 ta’ filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 12A (3):

Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

### RESIDENTI PREŻENTI:

6 residenti kienu preżenti.

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa. Is-Sindku qal li l-Kunsillier MLB infurmat li ma setgħatx tattendi għal-laqgħa.

## 4.1 Introduzzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku beda billi ta merħba lil kull min attenda għar-raba' laqgħa tal-lokalità tal-Għaxar Leġislatura.

## 4.2 Qari tal-minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 3

4.2.1 Is-Sindku AM qara l-minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 3 li saret fil-11 ta' Diċembru 2025.

4.2.2 Resident ilmenta peress li l-avviż tal-laqgħa rċevieh ġurnata wara Is-Sindku spjega li l-avviżi jiġu mqassma minn kumpanija esterna u għalhekk dan id-dewmien ma kellniex kontroll fuqu.

## 4.3 Rapport Finanzjarju 2025

4.3.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2025.

## 4.4 Pjan ta' Ħidma 2026 – 2030

4.4.1 Is-Sindku ta xi tagħrif kemm fuq il-Pjan ta' Ħidma 2026 – 2030.

## 4.5 Rapport Amministrattiv 2025

4.5.1 Is-Sindku ta xi informazzjoni fuq ir-Rapport Amministrattiv 2025. Is-Sindku informa li kopja sħiħa ta' dawn ir-rapporti jistgħu jiġu aċċessati direttament mill-*website* tal-Kunsill.

## 4.6 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

4.6.1 Is-Sindku stieden lir-residenti biex jagħmlu l-interventi tagħhom.

4.6.2 Is-SE ħadet nota tal-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti fuq diversi temi, fosthom:

- Skart jinġabar qabel il-ħin skedat;
- Nuqqas ta' indafa fit-toroq;
- Nuqqas ta' infurzar;
- Talba biex issir mera fi Triq il-Papa Alessandru VII biex jaraw huma u ħerġin mill-garaxx – Ir-resident se jibgħat ittra;
- Tbattil tal-kontenituri tal-B-I-S meta jkunu mimlija – Is-Sindku informa li l-kontenituri huma mgħammra b'*sensors,* u li meta jimtlew, javżaw awtomatikament lill-kumpanija responsabbli biex tbattalhom;
- Ilment dwar l-istat diżastruż li tinsab fih l-għalqa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina – Is-Sindku aġġorna lir-residenti bil-proġett li qed jaħdem fuqu l-Kunsill u li għandu jsir minn Vjal il-Kulħadd;
- Suġġeriment biex issir tinda fil-bandli minħabba x-xemx;

**F'dan il-ħin (6.36pm) il-Viċi Sindku EG daħal għal-laqgħa.**

- Talba biex darba fil-ġimgħa l-Kunsill joffri trasport għall-anzjani biex iwassalhom għal-laqgħa tal-grupp tal-anzjani tal-azzjoni Kattolika - Is-Sindku informa li sfortunatament dan mhux possibbli. Minħabba nuqqas ta' riżorsi, it-trasport offrut huwa għal servizzi essenzjali biss.

4.6.3 Wara li ma kienx hemm aktar ilmenti / suġġerimenti mir-residenti, is-Sindku għalaq il-laqgħa billi irringrazzja lil dawk preżenti, talli attendew għal-laqgħa.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.42pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 28 ta' April 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |